MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 176/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. D. Theuma)**
**Vs**
**Glenn Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Ottubru 2007 u fil-jiem ta' qabel

(a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja

mill- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar- Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39), kif sussegwentement emendati, w bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tieghu;
(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall- esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- dispozizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar- Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-uzu esklussiv tiegħu;
(c) mingħajr l-awtorita' leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal- konfini tal-ħabs jew ta' post ta' detenzjoni mediċini (eroina u kokajina) li huma mediċini perikoluzi skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta bi ksur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) f'każ ta' ħtija, il-Qorti kienet mitluba titratta ma Glenn Busuttil talli rrenda ruħu riċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Gunju, 2008, li biha, wara

li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, l-artikoli 7 tal-Kap. 260, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih u lliberatu mit-tielet u r-raba' imputazzjoni, w ikkundannatu ghal tlitt snin prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu kull zmien li l-appellant kien taht arrest preventiv dwar dan il-kaz, kif ukoll biex ihallas multa ta' Euro 1600, liema multa tista' tithallas b'rati ta' Euro 50 fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull Euro 11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez ta' l-espert li jammontaw ghal Euro 287.24 u Euro 20.96 (total ta' Euro 307.20) fi zmien xahar. Jekk ma jithallsux dawn jinbidlu f'jum prigunerija bir-rata ta' Euro 11.65.
Ordnat ukoll il-konfiska tal-flusipprezentati mill-Pulizija favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha w tirrevokaha fejn instabet htija fuq l-ewwel zewg akkuzi, tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mit-tielet u r-raba' akkuza, w fin-nuqqas li tapplika piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti kienet kompletament skorretta fil-konsiderazzjonijiet taghha w fil-mod kif interpretat il-provi. L-ammonti ta' droga, ghalkemm mhux "hfief", mhumiex ammonti allarmanti w meta wiehed iqis l-ammont allarmanti ta' droga li jikkonsma l-appellant kulljum, bil-fors li wiehed ikollu dubju dettat mir-raguni li dik li nstabet fuq l-appellant kienet droga li hu kellu biex jikkonsmaha hu stess. Ma hemmx prova li twassal ghal dak li qalet l-

Ewwel Qorti w cioe' li d-droga kienet hemm biex tigi mibjugha. Ma gie kontradett minn hadd li l-appellant kien jikkonsma hafna droga anzi dan il-fatt gie korroborat mill-istess *probation officer*. Ghalhekk hu kellu jigi liberat mill-akkuzi dedotti w jinstab hati biss ta' pussess semplici ta' droga. Fit-tieni lok, il-piena inflitta fuq l-appellant kienet harxa wisq, meta wiehed iqis sentenzi ohra li nghataw f' kazijiet simili w li dak li hu importanti hu li l-appellant jirrijabilita ruhu.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t’ apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *“safe and satisfactory”* fid-dawl tar-rizultanzi.

“Illi appropositu ta’ dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza “R. v. Cooper” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“Assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a*

*lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi dan il-principju gie dejjem applikat fil-gurisprudenza recenti anki ghall-kazijiet fejn l-apprezzament tal-fatti li kontra tieghu jkun qed isir appell, ikun sar mill-Magistrat togat fil-kaz t’appelli minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li fit-30 t' Ottubru, 2007, wara li l-Pulizija kellha xi soffjata - li legalment mhux ammissibbli bhala prova - li fir-residenza tal-appellant kienet qed tigi traffikata d-droga regolarment, saret tfittxija mill-membri tad-Drug Squad, li pero' ma tat ebda rizultat ghajr li nstabu flus kontanti fl-ammont ta' LM1646 f' *bank notes* u LM644 fi flus fidda, b' total ta' LM2279. Instabu wkoll LM233 u 7 dollari, li pero' rrizultaw li kienu tat-tfajla tal-appellant Edwina Zammit u dawn gew rilaxxjati lilha minnufieh. Giet elevata wkoll pipa tal-metall bi tracci ta' hruq fuqha kif ukoll numru ta' *mobile phones*. L-appellant gie arrestat u ttiehed il-*lock up* tad-depot.

Meta saret tfittxija fuq l-appellant fil-*lock up*, instabu borza tal-plastic li kienet fil-gakketta li kien liebes l-appellant, qartas zghir bi trab kannella, w borza akbar b' xi tlitt grammi eroina. Instabet ukoll borza ohra kontenenti xi 7 grammi kokajina, flimkien ma xi bicca *foil* bi tracci ta' hruq fuqha. Gie infurmat mill-gdid il-Magistrat tal-ghassa li fetah inkjesta ohra w gie mahtur l-espert Godwin Sammut biex janalizza s-sustanza elevata.

L-ghada l-appellant gie interrogat pero ' ma wiegeb ghall-ebda domanda. Inghata l-*police bail* bil-ghan li jghin lill-pulizija tistabilixxi s-sors tad-droga, pero' meta l-Pulizija regghet irceviet informazzjoni - anki din mhux ammissibbli bhala prova - li hu kien qed jinnegozja fid-drogi, rega' ngabar u gie interrogat mill-gdid, pero' rega ma wiegeb ghall-ebda domanda.

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant qal li d-droga li sabulu ma hi xejn ghalih ghax hu ghandu vizzju li jiehu d-droga bla kontroll. Qal ukoll li l-flus kienu in parti tieghu ghax meta hareg mill-habs fi Frar, 2007, kellu xi Lm1000 u in parti ta' habibtu li tathomlu biex izommhomlha ghax kienet ser taghmel operazzjoni w li ftit minnhom kienet tathomlu ohtu biex jirranga d-dar. Hu ma jahdimx. Il-Probation Officer Ivan Sultana kkonferma li l-appellant ghandu problema serja ta' tehid ta' droga.

Illi mill-relazzjoni tal-espert analista Godwin Sammut jirrizulta li hawn si trattava ta' pussess ta' 2.12 gramma eroina ta' purita' ta' 28% u 6.65 gramma kokaina ta' purita' ta' 35%,

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti fid-deliberazzjonijiet taghha fis-sentenza appellata waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien hati ta' pusses aggravat tad-droga eroina w kokajina minnhabba li l-ammont li nstab hu gja konsiderevoli w li ma kienx hemm bzonn ammonti kbar sabiex wiehed jinsab hati ta' pussess aggravat u li minn din il-kwantita' jistghu jinhargu hafna *sachets*. Li l-appellant ma kienx konvincenti dwar kif kienu gew dawk il-flus ghandu, li l-mod kif certu boroz kienu mqassma f' piz li hu pratikament ezatt. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet moralment konvinta li l-intenzjoni tal-appelant kienet biex jispaccja kemm l-eroina kif ukoll il-kokajina.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Marius Magri'** [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App.

Krim. **"Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio**" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri"** [2.9.1999].)

Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *"hard and fast rule*" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . **"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"** [23.5.2002]).

Il-Prosekuzzjoni w l-Ewwel Qorti jsostnu li l-fatt li d-droga nstabet maqsuma f' pakketti ta' piz approssimattiv ugwali jista' jindika li dan kien ghax id-droga kienet intiza biex tigi spaccata. F' dan il-kaz apparti l-allegata informazzjoni li rceviet il-pulizija - li, kif gja ntqal, mhux ammissibbli bhala prova - hemm l-assenza kompleta ta' xi cirkostanza ohra bhal ma huma n-nuqqas ta' sejbien ta' xi mizien, ismijiet, numri tat-telefon, eccetra, li jistghu jindikaw kuntatti ma klienti tal-ispaccatur.

Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha w fil-waqt li, bhall-Ewwel Qorti, ma thossx li hi konvinta ghall-ahhart dwar il-versjoni moghtija mill-appellant dwar il-provenzjenza tal-flus li gew elevati mid-dar tieghu, mill-banda l-ohra ma thossx li semplicement biss mill-kwantita' tad-droga elevata w esebita w kif id-droga nstabet maqsuma, jista' jintqal bla ebda dubju ragonevoli li dan necessarjament jindika li d-droga misjuba kienet intiza ghall-ispaccar lil terzi. F' dan il-kaz

din il-Qorti ghad ghandha dak il-***"lurking doubt"*** li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-appellant.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal-appellant dwar li ma hemmx provi sufficjenti li jindikaw bla ebda dubju dettat mir-raguni li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

Dwar it-tieni aggravju dwar il-piena, din ghalkemm ser ikollha tigi ridotta in vista ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri"** fuq gja citata, *"Jibqa' pero' il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma haddiehor jew addirittura ibieghha lil terzi…..*" Ghalhekk dik il-Qorti kienet xorta wahda ddecidiet li kienet "*tal-fehma li f' da(k) il-kaz ghandu jkun hemm piena karcerarja b' effett immedjat".*

Bhal f' dak il-kaz l-appellant ghandu kondotta refrattarja. Di fatti, mill-ezami tal-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li l-appellant, mis-sena 2000 sal-lum gja issubixxa tmin kundanni mill-Qrati. Apparti kazijiet ta' glied u ksur tal-ligijiet tat-traffiku, l-appellant instab hati diversi drabi li forna jew ipprokura d-droga eroina w gie kundannat ghal tmintax il-xahar prigunerija, fit-8 ta' Frar, 2002, sentejn ohra prigunerija b' sentenza tat-18 ta' Frar, 2002, kif ukoll ghal sentejn prigunerija ghall-istess reat kommess f' dati differenti. Rega' mbaghad instab hati ta' serq aggravat bil-valur u inghata sentenza ta' prigunerija sospiza fil-1 ta' Frar, 2003. Fil-2006, instab hati tar-reat kontinwat li hajjar tfajla ghall-prostituzzjoni w li ghex mill-prostituzzjoni ta' din it-tfajla w li ssekwestra lill-istess tfajla w li kien recidiv u gie sentenzjat ghall-ghaxar xhur prigunerija. Inoltre recentement u cioe' fil-5 ta' Marzu, 2008, kien gie sentenzjat ghal xaharejn prigunerija talli naqas li jhares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta kien inghata l-helsien mill-arrest. B' dana kollu l-appellant ma tghallem xejn u kkommetta r-reat li qed jinstab hati taghhom minn

din il-Ewwel Qorti w dan apparti reati ohra li qed jinstab hati taghhom b' sentenza ohra fl-istess ismijiet tal-lum stess (Appell Nru. 175/08).

Ghalhekk anki ghar-reat ta’ pussess semplici jidher li ghandu jkun hemm piena restrittiva tal-liberta’ b’effett immedjat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ pussess tad-droga eroina w tad-droga kokajina, liema droga fiz-zewg kazijiet instabet f’ tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w fejn ikkundannatu ghall-tlitt snin prigunerija w ghall-multa ta' elf u sitt mitt Ewro (€1600) pagabbli bil-modalita' indikata fl-istess sentenza w fejn ordnat il-konfiska tal-flus elevati w esebiti w minnflok issibu mhux hati tal-akkuza kif dedotta imma hati biss ta’ pussess semplici tad-droga eroina w ta' pussess semplici tad-droga kokajina w, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 (2) (b) (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta w tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali ghall-konkors tad-delitti w pieni, tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija, kif ukoll ghal elf Ewro multa w tikkonfermaha fil-kumplament kollhu taghha fejn illiberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni w mill-addebitu tar-recidiva w fejn ordnat lill-appellant li jhallas l-ispejjez tal-espert li jammontaw ghal 307.20 Ewro fi zmien xahar li jibda jiddekorri mill-lum u li jekk ma jithallsux jimbidlu f' jum prigunerija bir-rata ta' 11.65 Ewro , u fejn finalment ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita taht il-harsien tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jaghmel verbal tal-istess distruzzjoni w jannettieh ma' dan il-process, bil-visto tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------